**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Awwissu 2024**

**Kawża Numru: 842/2024**

**Il-Pulizija**

**kontra**

**Luke Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Luke Cremona**, ta' għoxrin (20) sena, imwieled il-Pieta' nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003), iben Francis u Patricia nee' Agius, residenti fl-indirizz mija u sitta u tmenin (186), St Agatha Comp, Vjal l-Indipendenza, Żurrieq, u detentur tal-karta tal-identita' nin-numru 208103L

U nakkużah talli fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet u gimgħat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer;

1. Uża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolent, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li huwa ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra ġab ruħhu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita' ta' ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta', diżabbilita', reliġjon jew twemmin, jew opinjoni politika, jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probabbilita' meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha qajjem tali vjolenza jew mibegħda.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ Audrey Micallef inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dak is-servizz, liema reat huwa wkoll aggravat jew motivat, għal kollox jew b’mod parzjali b’mibegħda kontra persuna jew grupp ta’ persuni fuq bażi ta’ ġeneru, identita’ tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa origini nazzjonali jew etnika, eta’, diżabbilita’ ċittadinanza, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.

3. U aktar talli permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel reat.

4. U aktar talli permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, għamel uzu ieħor mhux xieraq bih.

5. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi naqas milli jħares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b’digriet ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Lanfranco LL.D, li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is somma ta’ elf ewro (€1000) bhala depożitu, kif ukoll is-somma ta’ erbat elef ewro (€4000) bħala garanzija personali jiġu revokati *contrario imperio* u jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża a benefiċju ta’ Audrey Micallef u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex toħrog Ordni ta’ Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Luke Cremona sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta’ l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni tiegħu

u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation Maryrose Farrugia, maħtura sabiex tirrediġi *pre-sentencing report* fil-konfront tal-imputat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat iddikjara li huwa ħati, il-fatt li huwa rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-imputat li huwa qiegħed pubblikament u formalment jiskuża ruħu mal-Ispettur Audrey Micallef.

Tqis ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Maryrose Farrugia fl-udjenza ta' nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u l-*pre-sentencing report* redatt minnha, minn liema jirriżulta li l-imputat għandu ħafna problemi ta' rabja, li huwa għandu bżonn jirrisolvi sitwazzjonijiet tal-passat li ħallew effett fuq l-imġieba tiegħu preżenti, kif ukoll li l-imġieba tiegħu kompliet taggrava ruħha minħabba li huwa jabbuża mid-droga kokaina. Tqis li fid-dawl ta' dawn il-fatturi, l-Uffiċjal tal-Probation irrakomandat li l-imputat jingħata sentenza bbażata fil-komunita', li tinkludi fiha element ta' superviżjoni u li tkun tinkludi ukoll Ordni ta' Trattament u dan sabiex l-imputat jieħu kura kontra l-abbuż mid-droga.

Tqis *in oltre* li fit-trattazjoni orali dwar il-piena li saret mill-partijiet, jirriżulta ċar li kemm il-prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiża jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Uffiċjal tal-Probation stante li ż-żewġ partijiet jaqblu li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna rigward il-vizzju tad-droga, kif ukoll li huwa jieħu trattament dwar il-problemi ta' rabja li huwa għandu.

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija propensa li tagħti lill-imputat opportunita' sabiex jirregola ħajtu aħjar u dan sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati tal-istess natura tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Illi għaldaqstant il-Qorti jidrilha li jkun għaqli li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation, bit-tama li l-imputat verament jifhem illi dan l-istil ta' ħajja ma huwa ser iwasslu imkien ħlief għal iżjed problemi u nkwiet u għalhekk jagħraf jaħtaf din l-opportunita' sabiex jirregola ħajtu u jibqa' fit-triq it-tajba.

Għall-fini tal-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li oltre l-piena, il-konfiska tal-ammont stabbilit fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija hija tassativa. Madanakollu huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċiedi jekk dan l-ammont għandux jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu. Illi tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-imputat, il-Qorti tqis li għandha tordna l-konfiska biss ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u għalhekk qegħda tordna l-konfiska tas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 82A, 83B, 95, 533 u 579(2), tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Luke Cremona** ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, iżda peress illi fil-fehma tagħha fil-każ in eżami huwa iktar opportun li jkun hemm sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, partikolarment reati ta' l-istess natura bħar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa iktar adatt li jinħareg **Ordni ta' Probation** fil-konfront ta' l-istess imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, kif ukoll problem ta' rabja, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputat taħt **Ordni ta' Trattament** għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli

mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, sabiex jindirizza l-problema ta' rabja li huwa għandu, kif ukoll sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga u li jiġi segwit minn Psikjatri u Psikologi.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Tordna wkoll il-**konfiska** ta' parti mid-depożitu fis-somma ta' erba' mitt Euro (€400) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri ndikati fil-ħames (5) imputazzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara